



Stqarrija għall-Istampa
Il-Lussemburgu, is-7 ta' Novembru 2018

Il-pjanijiet stabbiliti fil-qafas tal-PAK li jmiss iridu jkunu aktar ekoloġiċi, jibbażaw b'mod rigoruż fuq il-prestazzjoni u jsaħħu l-obbligu ta' rendikont, jgħidu l-Awdituri tal-UE.

Skont Opinjoni li ġiet ippubblikata illum mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-riforma proposta tal-Politika Agrikola Komuni wara l-2020 ma tilħaqx l-ambizzjonijiet tal-UE għal approċċ aktar ekoloġiku u aktar robust ibbażat fuq il-prestazzjoni. L-awdituri jidentifikaw għadd ta' problemi oħra relatati mal-proposta, b'mod partikolari fir-rigward tal-obbligu ta' rendikont.

Meta ppubblikat il-proposta tagħha għall-PAK il-ġdida wara l-2020, il-Kummissjoni Ewropea enfasizzat li l-oġettivi ambjentali u klimatiċi se jkollhom prijorità għolja. L-awdituri jirrikonoxxu l-fatt li r-riforma proposta tinkludi għodod għall-indirizzar ta' dawn l-oġettivi; iżda dawn la huma ddefiniti b'mod ċar u lanqas ma huma kkonkretizzati f'miri kkwantifikati. Għalhekk, għadu mhuwiex ċar kif PAK aktar ekoloġika tista' tiġi vvalutata jew imkejla. Barra minn hekk, skont l-awdituri, l-istima li l-Kummissjoni wettqet dwar il-kontribut tal-PAK għall-oġettivi tal-UE relatati mat-tibdil fil-klima ma tidhirx realistika.

L-awdituri josservaw li ħafna mill-alternattivi ta' politika proposti huma simili ħafna għal dawk tal-PAK attwali. B'mod partikolari, l-akbar parti tal-baġit tkompli tkun il-pagamenti diretti favur il-bdiewa, ibbażati fuq l-ammont speċifiku ta' ettari tal-art li tappartjeni lilhom jew li huma jużaw. Madankollu, l-awdituri josservaw li dan l-istrument la huwa adattat biex jindirizza parti kbira mill-problemi ambjentali, u lanqas ma huwa l-mod l-aktar effiċjenti biex jiġi appoġġat id-dħul vijabbli.

Il-proposta tintroduċi bidliet ewlenin fil-mod kif din il-politika tiġi implimentata fil-prattika. Hemm tranżizzjoni, li l-awdituri huma favur tagħha, minn enfasi fuq il-konformità għal fokus fuq il-prestazzjoni. Madankollu, huma tal-opinjoni li l-proposta ma fihiex dawk l-elementi li huma meħtieġa biex is-sistema għall-kejl tal-prestazzjoni tkun waħda effettiva. Il-PAK il-ġdida tkun teħtieġ aktar inċentivi għall-prestazzjoni, kif ukoll oġettivi li jkunu marbutin b'mod ċar mal-outputs, mar-riżultati u mal-impatti.

Bidla ewlenija oħra hija d-definizzjoni mill-ġdid tal-eliġibbiltà tal-UE għall-pagamenti taħt il-PAK; iżda minħabba l-limitazzjonijiet tal-mudell propost, huwa probabbli li din twassal biex il-qafas ta' aċċertament jiddgħajjef. L-awdituri jsostnu li jkun hemm inqas kontrolli u awditi u li dawn ikunu inqas effettivi.

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tal-Opinjoni adottata mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. L-Opinjoni sħiħa tinsab fuq www.eca.europa.eu

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

T: (+352) 4398 47063

M: (+352) 691 55 30 63

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 22 24

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditorsECA eca.europa.eu

“It-tranżizzjoni lejn valutazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni ma teliminax il-ħtieġa li jitwettqu kontrolli fuq il-legalità u r-regolarità”, qal João Figueiredo, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għall-Opinjoni. “Aħna nibzgu li jekk tiżdied dispożizzjoni legali li skontha parti żgħira ħafna biss mill-infiq tkun trid issir f’konformità mar-regoli tal-Unjoni, dawn ir-regoli jistgħu jispiċċaw mingħajr sinifikat u l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE tista’ tiddgħajje”.

L-awdituri jissottolinjaw ukoll in-nuqqas ta’ sistema robusta ta’ kontroll estern. Skont il-proposta, il-Kummissjoni la tirċievi statistika ta’ kontroll mill-aġenziji tal-pagamenti, u lanqas aċċertament dwar il-pagamenti li jsiru favur il-bdiewa individwali mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni. L-awdituri jwissu li dan idgħajje l-obbligu ta’ rendikont tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, ikun aktar diffiċli li jiġi applikat l-approċċ ta’ awditu uniku, b’mod partikolari minħabba r-rwol inqas importanti tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni.

Nota lill-Edituri

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri tikkontribwixxi għat-titjib tal-governanza finanzjarja tal-UE billi tippubblika opinjonijiet dwar proposti għal leġiżlazzjoni ġdida jew riveduta b’impatt finanzjarju. L-opinjonijiet jintużaw mill-awtoritajiet leġiżlattivi — il-Parlament Ewropew u l-Kunsill — fix-xogħol li jwettqu.

[L-Opinjoni Nru 7/2018 tal-QEA dwar il-proposti tal-Kummissjoni għal regolamenti relatati mal-Politika Agrikola Komuni għall-perjodu wara l-2020 hija attwalment disponibbli bl-Ingliż fuq is-sit web tal-QEA \[eca.europa.eu\]\(http://eca.europa.eu\); lingwi oħra se jkunu disponibbli fi żmien debitu.](#)